



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

In-Numru tan-Notifika : 2022/0818/F (France)

Digriet li jistabbilixxi l-lista tal-prodotti li għalihom huwa pprojbit il-bejgħ bl-ingrossa għal raġunijiet ta' saħħa pubblika

Data tal-wasla : 22/11/2022

Tmiem tal-Waqfien : 23/02/2023 (23/05/2023) (closed)

Message

Messaġġ 002

Komunika mill-Kummissjoni - TRIS/(2022) 04194

Direttiva (UE) 2015/1535

Traduzzjoni tal-messaġġ 001

Notifika: 2022/0818/F

No abre el plazo - Nezahajuje odklady - Fristerne indledes ikke - Kein Fristbeginn - Viivituste perioodi ei avata - Καμμία έναρξη προθεσμίας - Does not open the delays - N'ouvre pas de délais - Non fa decorrere la mora - Neietekmē atlikšanu - Atidėjimai nepradedami - Nem nyitja meg a késéeket - Ma' jiftaħx il-perijodi ta' dawmien - Geen termijnbegin - Nie otwiera opóźnień - Não inicia o prazo - Neotvorí oneskorenia - Ne uvaja zamud - Määräaika ei ala tästä - Inleder ingen frist - He ce предвижда период на прекъсване - Nu deschide perioadele de stagnare - Nu deschide perioadele de stagnare.

(MSG: 202204194.MT)

1. MSG 002 IND 2022 0818 F MT 22-11-2022 F NOTIF

2. F

3A. Ministères économiques et financiers

Direction générale des entreprises

SCIDE/SQUALPI - Pôle Normalisation et réglementation des produits

Bât. Sieyès -Teledoc 143

61, Bd Vincent Auriol

75703 PARIS Cedex 13

3B. Ministère de l'économie et des finances et de la relance

Direction générale de la concurrence, de la

Consommation et de la répression des fraudes

Bureau 4B - Qualité des denrées alimentaires

59, boulevard Vincent Auriol - Télédéc 223

75703 Paris Cedex 13

Tél : 01 44 97 30 37

Courriel : bureau-4B@dgccrf.finances.gouv.fr

4. 2022/0818/F - C00A

5. Digriet li jistabbilixxi l-lista tal-prodotti li għalihom huwa pprojbit il-bejgħ bl-ingrossa għal raġunijiet ta' saħħa pubblika

6. Lista tal-prodotti li għalihom huwa pprojbit il-bejgħ bl-ingrossa għal raġunijiet ta' saħħa pubblika



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

7. -

8. Dan id-Digriet jadotta l-lista ta' prodotti li għalihom huwa pprojbit il-bejgħ bl-ingrossa għal raġunijiet ta' saħħa pubblika skont il-paragrafu 3 tal-Artikolu L. 120-1 tal-Kodiċi tal-Konsum [code de la consommation]. Dan id-Digriet jidentifika l-prodotti li għalihom il-bejgħ bl-ingrossa huwa pprojbit mil-leġiżlazzjoni fis-seħħ u dawk li għalihom il-bejgħ bl-ingrossa huwa impossibbli skont il-liġi tal-UE, b'mod partikolari għal raġunijiet ta' iġjene, iżda wkoll fejn l-użu ta' tali prodotti jista' jkun ta' riskju għall-konsumaturi. Il-lista tinkludi wkoll prodotti li l-Aġenzija Nazzjonali għas-Saħħa u s-Sikurezza tal-Ikel, l-Ambjent u u Okkupazzjonali [ANSES], li l-awtoritajiet Franċiżi kkonsultawha dwar il-kontenut tal-abbozz ta' Digriet, identifikat bħala inkompatibbli mal-bejgħ bl-ingrossa.

Jekk il-bejgħ bl-ingrossa ma jkunx ipprojbit b'mod espliċitu għal ċerti prodotti, iżda xorta jkun hemm dubji u l-kundizzjonijiet għall-bejgħ tagħhom jidhru li ma jkunx sodisfaċenti, b'mod partikolari minħabba raġunijiet ta' sikurezza, id-Digriet jipprovdi l-għażla li dawn jiġu rregolati permezz ta' Ordni.

9. Sabiex il-liġi tiġi allinjata max-xejriet tal-konsum li qed jinbidlu, u bil-ħsieb li jitnaqqas l-imballaġġ li jintuża darba biss, il-Liġi Nru 2020-105 tal-10 ta' Frar 2020 dwar il-ġlieda kontra l-iskart u dwar l-ekonomija ċirkolari daħħlet definizzjoni ta' "bejgħ bl-ingrossa" fil-Kodiċi tal-Konsum.

Għalhekk, din żiedet l-Artikolu L. 120-1 il-ġdid mal-Kodiċi tal-Konsum. Dan jgħid li l-"bejgħ bl-ingrossa huwa ddefinit bħala bejgħ lill-konsumatur ta' prodotti offruti mingħajr imballaġġ, fi kwantitajiet magħżula mill-konsumatur, f'kontenituri li jistgħu jerġgħu jintużaw. Il-bejgħ bl-ingrossa huwa offrut fuq bażi fejn wieħed jaqdi lilu nnifsu (self-service) jew ta' servizz assistit f'postijiet tal-bejgħ mobbli.

Jista' jieħu l-forma ta' kuntratt tal-bejgħ mill-bogħod.

Kwalunkwe oġġett tal-konsum jista' jinbiegħ bl-ingrossa, ħlief għall-eċċezzjonijiet debitament ġustifikati għal raġunijiet ta' saħħa pubblika.

Il-lista ta' eċċezzjonijiet għandha tiġi adottata permezz ta' digriet."

Dan it-test huwa maħsub biex jippromwovi l-bejgħ bl-ingrossa, li l-awtoritajiet Franċiżi jemmnu li se jikkontribwixxi għall-miri tagħhom tat-tnaqqis tal-imballaġġ. Jeħtieġ li jiġi appoġġjat l-iżvilupp ta' din il-prattika, li issa hija msaħħa minn qafas leġislattiv nazzjonali, filwaqt li jiġi żgurat li l-prodotti offruti għall-bejgħ bl-ingrossa ma jkunx ta' riskju għall-konsumaturi.

Abbozz inizjali ta' Digriet ġie nnotifikat lill-Kummissjoni Ewropea f'Jannar 2021. Il-kontenut tiegħu ma qanqalx tweġiba mill-Kummissjoni.

Fl-interess taċ-ċarezza legali, dan l-abbozz inizjali elenka l-projbizzjonijiet li kien hemm minn qabel għal raġunijiet ta' saħħa pubblika u dawk stipulati mil-liġi tal-Unjoni Ewropea. Fl-istess ħin tan-notifika skont il-proċedura tat-TRIS, f'Marzu 2021 l-awtoritajiet Franċiżi ppreżentaw l-abbozz ta' test lill-ANSES, li ħarġet l-opinjoni tagħha fil-15 ta' Novembru 2021. F'din l-opinjoni, l-ANSES iddikjarat li l-abbozz ta' lista ta' eċċezzjonijiet rċevut mingħand l-awtoritajiet Franċiżi kien xieraq. Madankollu, l-ANSES qieset li kien xieraq li tissupplimenta din il-lista għar-rekwiżiti tas-saħħa pubblika, u għal ċerti prodotti, ipproponiet metodi ta' bejgħ bl-ingrossa alternattivi għal dak fejn wieħed jaqdi lilu nnifsu (self-service).

Biex jinkorporaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-ANSES, l-awtoritajiet Franċiżi żiedu xi prodotti mal-lista inizjali ta' eċċezzjonijiet, bħal sustanzi kimiċi, prodotti tal-iġjene, batteriji, eċċ.

Sabiex tiġi ċċarata l-firxa ta' prodotti koperti, il-verżjoni l-ġdida tal-abbozz ta' Digriet ippreżentata għall-proċedura tat-TRIS tinkludi definizzjoni ta' oġġetti tal-konsum b'referenza għad-definizzjoni mogħtija fl-Artikolu D. 441-1 tal-Kodiċi Kummerċjali.



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

Barra minn hekk, għal ċerti prodotti (ikel li jiġihassar, ikel iffriżat, prodotti tal-iġjene, ċerti kimiċi, kożmetiċi), l-abbozz ta' Digriet il-ġdid jagħti eżenzjonijiet mill-projbizzjoni tal-bejgħ bl-ingrossa taħt ċerti kundizzjonijiet mhux kumulattivi, bħas-servizz assistit jew l-użu ta' apparat ta' distribuzzjoni fejn wieheċ jinqeda waħdu adattat għall-bejgħ bl-ingrossa.

Il-prinċipju ta' dawn il-metodi alternattivi ta' bejgħ bl-ingrossa jippermetti l-inkorporazzjoni tal-proposti tal-ANSES rigward ir-riskji assoċjati mal-bejgħ bl-ingrossa fejn wieheċ jinqeda waħdu, mingħajr ma jiġi pprojbit l-aċċess għas-suq bl-ingrossa għall-prodotti li jaqgħu taħt dawn l-eċċezzjonijiet.

Jekk il-bejgħ bl-ingrossa ma jkunx ipprojbit b'mod espliċitu iżda l-kundizzjonijiet tal-bejgħ jidhru li mhumiex sodisfaċenti, b'mod partikolari għal raġunijiet ta' sikurezza, id-Digriet jipprovdi l-għażla li jiġu stabbiliti miżuri speċjali ta' ġestjoni tar-riskju permezz ta' Ordni.

Fil-proċess ta' notifika għall-abbozz inizjali tad-Digriet, il-Kummissjoni Ewropea ma indirizzatx direttament il-kwistjoni tal-bejgħ bl-ingrossa ta' ilma minerali naturali u ilma tan-nixxigħat. Madankollu, hija indikat fl-ittra tagħha tal-15 ta' Lulju 2021, bi tweġiba għal nota mill-awtoritajiet Franċiżi dwar l-istess suġġett, li hija tqis li l-abbozz innotifikat huwa konformi mad-dritt tal-UE fejn l-Artikolu 11 tiegħu jipprojbixxi "il-bejgħ bl-ingrossa ta' kwalunkwe prodott li għalih il-bejgħ bl-ingrossa huwa inkompatibbli mal-obbligi tas-saħħa pubblika stabbiliti fir-regolamenti u d-direttivi adottati f'konformità mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bħad-Direttiva 2009/54/KE". Meta l-awtoritajiet Franċiżi jirreferu għall-istabbiliment ta' qafas għad-distribuzzjoni bl-ingrossa ta' dan l-ilma permezz ta' digriet ministerjali li jiggarantixxi l-kwalità tiegħu u s-sigurtà tal-konsumatur, l-ittra tal-Kummissjoni tindika wkoll li hija ma setgħetx "tivvaluta miżura li ma kinixt ġiet innotifikata".

Mill-perspettiva tal-awtoritajiet Franċiżi, l-Artikolu 6 (li jeħtieġ għeluq bil-għan li tiġi evitata kwalunkwe possibbiltà ta' falsifikazzjoni jew kontaminazzjoni) u l-punt 2(d) tal-Anness II tad-Direttiva 2009/54/KE (li jipprojbixxi t-trasport ta' ilma minerali naturali f'kontenituri differenti minn dawk awtorizzati għad-distribuzzjoni lill-konsumatur finali, biex tiġi evitata kwalunkwe possibbiltà ta' kontaminazzjoni u biex jiġu ppreservati l-karatteristiċi, li jikkorrispondu għal dawk li jikkwalifikawh, li l-ilma jkollu fis-sors) ma jipprekludux il-bejgħ bl-ingrossa lill-konsumatur finali, sakemm ikun issorveljat b'tali mod li jiggarantixxi l-kwalità tal-ilma, b'mod partikolari f'termini ta' saħħa, fil-mument tad-distribuzzjoni tiegħu. Barra minn hekk, l-ilma minerali naturali u l-ilma tan-nixxigħat ma joħolqux aktar riskji għas-saħħa minn ikel likwidu ieħor (b'mod partikolari l-meraq tal-frott) li huma dovuti għall-bejgħ tagħhom bl-ingrossa.

Is-sistema ppjanata se tittrasporta dan l-ilma mis-sors sal-punti tal-bejgħ f'reċipjenti (ċilindri) maħsuba għad-distribuzzjoni lill-konsumaturi finali. Ladarba jinfetħu, jaqgħu fil-kategorija ta' "ikel li jiġihassar li jista' jkun ta' riskju għas-saħħa tal-bniedem wara perjodu qasir ta' żmien" skont l-Artikolu D. 120-5(I)(4) ta' dan l-abbozz ta' Digriet, li għalih il-bejgħ bl-ingrossa huwa permess biss taħt ċerti kundizzjonijiet: distribuzzjoni permezz ta' apparat adattat għall-bejgħ bl-ingrossa fejn wieheċ jinqeda waħdu (self-service) jew ta' servizz assistit (l-Artikolu D. 120-5(II)). Minħabba li dan l-ilma jista' jkun ta' riskju għall-konsumaturi, il-metodu tal-bejgħ - ikun xi jkun il-każ - għandu jiggarantixxi protezzjoni adegwata tal-konsumaturi mir-riskji inerenti għall-prodott (Artikoli D. 120-1 u D. 120-2). Dan il-qafas ġenerali jippermetti l-preservazzjoni tal-karatteristiċi tal-ilma, peress li huwa ssiġillat b'għeluq xieraq sad-distribuzzjoni lill-konsumatur finali. Jippermetti wkoll il-protezzjoni mill-kontaminazzjoni wara li jinfetgħ l-imballaġġ, fid-dawl tar-rekwiżit għal mezz xieraq ta' distribuzzjoni. Jekk ikun meħtieġ, tista' tinħareġ Ordni biex tissupplimenta dawn il-kundizzjonijiet tal-bejgħ, li tkun tapplika għall-ikel kollu li jiġihassar li jista' jkun ta' riskju għas-saħħa tal-bniedem wara perjodu qasir ta' żmien.

Fir-rigward tat-tikkettar, kif imsemmi fl-Artikolu 8 tal-imsemmija Direttiva msemmija, it-test jgħid li l-indikazzjonijiet li jridu jidhru fuq it-tikketti ta' dan l-ilma jridu jidhru wkoll fuq l-apparat xieraq għad-distribuzzjoni tal-ilma b'mod li jkun direttament aċċessibbli għall-konsumaturi, u li l-konsumaturi jridu jiġu infurmati dwar il-ħtieġa li jaħżnu dan l-ilma f'post frisk u jikkunsmawh fi żmien raġonevoli wara li jinxtara.

10. Referenzi għat-testi bażiċi: - L-Artikolu L. 120-1 tal-Kodiċi tal-Konsum;
- L-Artikolu 41 tal-Liġi Nru 2020-105 tal-10 ta' Frar 2020 dwar il-ġlieda kontra l-iskart u dwar l-ekonomija ċirkolari;
- In-nota tal-ANSES dwar l-appoġġ xjentifiku u tekniku għal abbozz ta' Digriet li jipprevedi lista ta' eċċezzjonijiet għall-obbligu ta' bejgħ bl-ingrossa fl-Artikolu L. 120-1 tal-Kodiċi tal-Konsumatur għal raġunijiet ta' saħħa pubblika



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

It-testi ta' referenza kellhom jintbagħtu ma' notifika preċedenti: 2021/16/F

11. Le

12. -

13. Le

14. Le

15. -

16. Aspett OTK

Le - L-abbozz m'għandux impatt sinifikanti fuq il-kummerċ internazzjonali.

Aspett SPS

Le - L-abbozz m'għandux impatt sinifikanti fuq il-kummerċ internazzjonali.

Il-Kummissjoni Ewropea

Direttiva tal-Pont ta' kuntatt (UE) 2015/1535

Fax: +32 229 98043

email: grow-dir2015-1535-central@ec.europa.eu